Nru. 743

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦAL KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' 1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri:–

Il-bini fi:–

TRIQ IL-FJURI, KANTUNIERA MA' SQAQ IL-BELT, L-IMQABBA

(ara l-pjanta f'paġna6,133) jista' jkun ta' valur storiku u arkitettoniku u għalhekk għandu jidħol fil-lista ta' Proprjetà Skedata skond l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità tikkunsidra wkoll li l-proprjetà tinsab fil-periklu li titwaqqa', tiġi dannġġata jew distrutta.

L-Awtorità qiegħda b'din tohroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni dwar il-proprjetà ta' hawn fuq skond l-artikolu 47 ta' l-Att ta' 1992 dwar l-Ippjanar ta' Żvilupp.

(i) Il-bini fi Triq il-Fjuri kantuniera ma' Sqaq il-Belt għandu jitqies bħala proprjetà Grad 2 skond il-*Policy UCO 7* tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valur arkitettoniku u storiku tiegħu.

(ii) L-ebda tibdil minn barra jew minn ġewwa ma hija permessa għall-ebda parti tal-bini fi Triq il-Fjuri kantuniera ma' Sqaq il-Belt.

(iii) Kull żvilupp, tibdil jew intervent fuq il-proprjetà ta' hawn fuq, li jistgħu jsiru, għandhom ikunu approvati minn qabel mill-Awtorità l-Ippjanar fuq il-parir tad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

L-Ordni għandha tibqa' fis-seħħ għal perijodu ta' sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà titwaqqa' jew isirilha xi tibdil b'kontravenzjoni bi ksur ta' din l-Ordni l-Awtorità ta' l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f' artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' dan l-Att. L-Att jahseb għal pieni horox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

It-28 ta' Novembru, 1995

No. 743

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act, 1992

The Planning Authority believes that the following property, namely

Building at:

TRIQ IL-FJURI C/W SQAQ IL-BELT MQABBA

(see plan on page 6,133) could be of architectural and historical value such that it should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with Section 47 of the Development Planning Act.

(i) The building at Triq il-Fjuri c/w Sqaq il-Belt, is to be considered as a Grade 2 property as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of it's architectural and historic value.


(ii) No internal or external alterations will be permitted to any part of the building at Triq il-Fjuri c/w Sqaq il-Belt.

(iii) All developments, alterations or interventions on the above property, which might be permissible, must be approved in advance by the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this Order.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in section 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

28th November, 1995


MQABBA
N
Triq il-Fjuri c/w
Sqaq il-Belt
Scale 1:2500
Part of S.S. 5067